MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Numru. 735/2002

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT RAYMOND D'ANASTAS**

**KONTRA**

**EMANUEL MICALLEF ta' 58 sena, iben Saviour u Therese nee' Caruana, imwieled Hal-Qormi nhar il-15 ta' Novembru, 1953, residenti fil-fond 'Tigi Saltnatek', Triq il-Bies, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 835553M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi **Emanuel Micallef** li gie akkzuat talli fil-kapacita' tieghu ta' managing director jew il-persuna responsabbli ta' Super Master Limited, c/o Master Electric, Triq is-Sebh, Hal-Qormi, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni:

Talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, fil-kariga tieghu ma' Super Master Limited, b'diversi azzjonijiet differenti, u b'resoluzzjoni wahda, bhala persuna li thaddem u/jew manager, u/jew ufficjal principali iehor u/jew pagatur, u ghaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-Artikolu 23(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap 372 (hawn izjed 'il quddiem imsejjah l-'Att') u r-Regola 30 tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-Final Settlement System (FSS) (hawn izjed 'il quddiem imsejha r-Regoli) wara li thallsu emolumenti taxxabbli taht l-Artikolu 4(1)(b) u/jew (d) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap 123, bi ksur tad-disposizzjonijiet li ser jissemmew:

1. Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fiz-zmien preskritt it-taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jaghmel skond l-Artikolu 23(1) ta' l-Att u r-Regola 15(1) tar-Regoli, u dan ghall-perjodu snin 2000 u 2001 ghar-rigward tas-somma ta' Lm31,420.00 (wiehed u tletin elf, erba' mija u ghoxrin lira Maltin);

2. U aktar talli naqas li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fiz-zmien preskritt il-prospett/i dettaljat/i skond l-Artikolu 23(2) ta' l-Att u r-Regola 15(l) tar-Regoli, u dan ghar-rigward tal-prospett/i ghall-perjodu fuq imsemmi;

3. U aktar talli naqas li jibghat fi zmien preskritt ir-returns (il-prospett/i jew dokument/i) annwali li jikkonsistu fil-formoli FS3s u FS7s ghas-snin fuq imsemmija;

4. U aktar talli approprja ruhu billi dawwar ghalih jew ghal persuna/i ohra s-somma ta' Lm31,420.00 li huwa zamm taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) u b'dannu lill-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati ta' Super Master Limited.

Rat li fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal dawn il-proceduri.

Rat li gew ezebiti mill-Ufficjal Prosekutur il-Memorandums and Articles tas-socjeta’, li juru li l-imputat kien fil-fatt wiehed mid-diretturi tas-socjeta’ Super Master Ltd. Mill-istess jirrizulta li f’Novembru din il-kumpanija ghaddiet in likwidazzjoni.

Gew ezebiti wkoll diversi vera kopji ta’ l-original ta’ ittri mibghuta mill jew lit-Taxxi Nterni, senjalament registrazzjoni tal-kumpanija Super Master Ltd ta’ impjegati taghha, bhal Vella Mario, Victor u Malhalland Frances. Hemm ezebiti wkoll diversi ittri mibghuta lil Emanuel Micallef biex jithallsu taxi ta’ l-FSS, Sigurta’ Socjali, Taxxa Addizzjonali – dawn ghas-snin 1999 – 2000; 1997 – 2000; Jannar sa Marzu 2001, 1997, 2000. Giet ezebita wkoll ittra ufficjali mibghuta lil Emanuel Micallef ghall-ammont ta’ Lm17,548.00, folio 20 Dok SM7.

Xehed Anthony Camilleri li kien jahdem mal-kumpanija Super Master minn Dicembru 1995 sakemm ghalqet f’April 2001. Kien jaf lill-imputat bhala security u bhala direttur tal-kumpanija. Xehed illi kien jithallas bix-xahar, li mill-paga kien ikollu tnaqqis, u li c-cheque kienu jiffirmahulu l-imputat, u certu Tonio Hili. Qal illi nonostante li mill-paga kienu jnaqqsulu l-bolla u t-taxxa, kien ircieva mill-Labour Office li kellu jhallas xi bolol.

Kitienne Camilleri, clerk mat-Taxxi Nterni, xehdet illi hi kienet tahdem fis-section tal-FSS. Qalet illi s-Super Master, skond il-Ligi kienu applikaw maghha fuq l-impjieg tal-haddiema taghhom. Xehdet illi wiehed mid-diretturi kien Emanuel Micallef. Spjegat illi kull employer kien obbligat bil-Ligi jaqta’ t-taxxa ta’ kull impjegat skond ir-rata opportuna. Dawn wara kellhom jintbaghtu lid-Dipartiment. Spjegat il-proceduri ta’ kif id-Dipartiment kien jigbor dawn il-flejjes maqtugha mill-paga, u mhux mibghuta lilhom.
Ikkonfermat illi fil-kaz tas-Super Master dan il-process ghall-gbir tal-flus kien sar kollu, cioe’ li ntbaghtu d-demand

notes, ittri ufficjali, ittri registrati. Ma kinitx taf li pero f'April 2001, il-kumpanija in kwistjoni kienet marret in liquidation.

George Cini xehed illi kien jahdem mas-Super Master ghal hames snin, u li l-imputat kien l-imghallem tieghu. Qal illi kien jithallas fix-xahar u li kienu ghalhekk jitnaqqsulu mill-paga l-bolla u t-taxxa. Qal illi kellu l-pay slips sa Marzu 2000. Qal illi kien jircievi l-pagi b'cheque li kien awtorizzat jiffirma Emanuel Micallef, cioe' l-imputat. Qal illi hu thallas l-ahhar paga f'Marzu tas-sena 2001. Aktar tard in kontro ezami qal illi kien Hili li kien ihallsu, li hu kien il-manager li kien jidderigi kollox.

Minn naha tieghu Victor Vella xehed illi hu wkoll kien jahdem mas-Super Master. Anke hu qal illi kien jithallas fix-xahar u li kien jaf lill-imputat bhala wiehed mid-diretturi ta' Super Master Limited. Qal illi mill-paga kienet titnaqqaslu t-taxxa u l-bolla. Ghalih kien Tonio Hili li kien jaghtih il-paga. Qal illi l-imputat kien awtorizzat jiffirma c-cheque. Ma kienx jaf li l-imputat ma kienx qieghed ihallaslu t-taxxa (payee) dovuta. Qal illi kien avvanza talba ghal dan il-hlas mal-likwidatur.

Alfred Camilleri wkoll kien jahdem mal-kumpanija Super Master, jaf lill-imputat bhala manager ta' l-istess. Qal illi mill-paga kienet titnaqqaslu t-taxxa payee u l-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Socjali. Skondtu l-bolol tieghu kollha kienu mhallsa.

Ivan Farrugia wkoll kien ilu jahdem mal-kumpanija hames snin. Qal illi mill-paga tieghu kienu jitnaqqsulu l-bolla u l-payee, kif ukoll illi l-paga kien jaghtihielu l-imputat.

Karmenu Farrugia xehed illi hu kien dam hames snin jahdem mal-kumpanija. Anke dan kien jithallas fix-xahar. Qal illi kien hu li kien ihallas it-taxxa u l-bolla, ikkorega li fil-fatt kienu jinqatghulu mill-paga.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti juru li l-imputat kien verament direttur ta' Super Master Ltd li fis-sena 2001 marret in liquidation. Illi

hemm ix-xhieda, ex impjegati li ngabu jixhdu li huma mill-paga tax-xahar kien jinqataghlhom it-taxxa payee u l-bolla dovuta. Il-maggoranza tax-xhieda qalu li kien l-imputat li kellu l-firma tac-cekkijiet lilhom moghtija. Pero, ghalkemm mix-xhieda tad-Dipartiment jidher li ttiehdu kemm proceduri amministrattivi, kif ukoll dawk odjerni kriminali kontra l-imputat ghall-gbir tat-taxxa u bolla dovuta, ma ngabet ebda prova li turi kemm fil-fatt kien hemm flejjes dovuti mill-imputat fil-konfront ta’ l-impjegati tieghu – ghalhekk il-Qorti mhix f’posizzjoni fuq xhieda daqshekk skarsa li tasal ghal htija, u ghalhekk qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------